MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2008

Rikors Numru. 139/2007

**Maria Ray**

**vs**

**Tabib Principali tal-Gvern**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsipprezentat mir-rikorrenti fis-7 ta' Mejju 2007 fejn esponiet illi:

Illi l-esponenti giet notifikata b'ittra ufficjali datata 26 ta' April 2007 mibghuta mit-Tabib Principali tal-Gvern fejn talab lill-esponenti thallas l-ammont ta' mitejn lira Maltin (Lm200) in konnessjoni ma' kura u servigi moghtija lil Galina Hmetshina fl-isptar San Luqa mit-12 ta' Gunju 2004 sat-13 ta' Gunju 2004 u n-notifika li saret ftit jiem wara;
Illi skond l-istess artikolu 466 tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili l-esponenti qieghda tintavola dan ir-

rikors fejn ghandha ghoxrin (20) gurnata zmien sabiex taghmel hekk u l-esponenti qieghda fiz-zmien u qieghda topponi ghal hlas ta' dan l-allegat kont stante illi preliminarjament mhuwiex dovut mill-esponenti kif ukoll anke jekk jirrizulta illi huwa dovut mill-esponenti dan huwa preskritt ai termini tal-Ligi principalment l-artikolu 2149 (b) u (e) tal-Kodici Civili.

Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett titlob illi t-talba hija infondata kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess Tabib Principali tal-Gvern.

Rat in-nota tat-Tabib Principali tal-Gvern tal-lum 17 ta' Gunju 2008 fejn ammetta t-talba.

Fuq ammissjoni, tilqa' t-talba. Tordna li l-ittra ufficjali tas-26 ta' April 2007 m'ghandha jkollha l-ebda effett fil-konfront tar-rikorrenti Maria Ray.

Bl-ispejjez li ghandhom jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------